**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedimenti inklużi dawk quddiem il-Bord tal-Appell.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2016 – sheepworld vs EUIPO (Bester Papa)**

**(Kawża T-451/16)**

(2016/C 364/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* sheepworld AG (Ursensollen, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. von Rüden, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea "Bester Papa" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 169 213

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 94/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż sostnuti matul il-proċedimenti tal-appell.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2016 – sheepworld vs EUIPO (Beste Freundin)**

**(Kawża T-452/16)**

(2016/C 364/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* sheepworld AG (Ursensollen, il-Ġermanja) (rappreżentant: S. von Rüden, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontezjuża kkonċernata:* trade mark verbali tal-Unjoni "Beste Freundin" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 169 916

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 96/2016-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż, inklużi dawk sostnuti tul il-proċedimenti tal-appell.

**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2016 – Arrigoni vsEUIPO – Arrigoni Formaggi (Arrigoni Valtaleggio)**

**(Kawża T-454/16)**

(2016/C 364/30)

*Lingwa tar-rikors: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Arrigoni SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentant: P. Di Gravio, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Arrigoni Formaggi SpA (Bergamo, l-Italja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Arrigoni Valtaleggio" – Reġistrazzjoni internazzjonali Nru 1 028 737 li tindika l-Unjoni Ewropea

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tad-19 ta' Mejju 2016, fil-Każ R 2922/2014-1

**Talbiet**

— tilqa' r-rikors u, għalhekk, tiddikjara nulla u/jew ineżistenti d-deċiżjoni kkontestata għall-motivi sussegwenti, billi tibgħat lura, jekk ikun il-każ, il-każ quddiem l-ewwel qorti jew tiddikjara l-ewwel deċiżjoni Nru C 406 A, tas-17 ta' April 2013, valida u definittiva;